## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Frar, 2018**

**Talba Nru: 391/2017PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Zammit Johan (ID 313475(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 t' Awwissu, 2017 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u sebgha u sebghin euro u erbgha u disghin centezmi (€677.94) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40229035, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1618/16, u bl-imghaxijiet legali sa mil-10 ta' Awwissu, 2016 data tal-prezentata tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba.

Ra r-rikors tas-socjeta` attrici permezz ta' liema l-istess socjeta` attrici talbet lit-Tribunal jawtorizza korrezzjoni fl-avviz tat-talba sabiex l-ammont mitlub jigi jaqra sitt

mija u sebgha u sebghin euro u erbgha u disghin euro, u li t-Tribunal laqa' l-istess talba u ordna l-korrezzjoni relattiva waqt is-seduta tal-20 t'Ottubru, 2017.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u li, skont dak verbalizzat fis-seduta tal-20 t'Ottubru, 2017 kien intalhaq ftehim bejn il-partijiet permezz ta' liema s-somma mitluba kellha tithallas sa mhux aktar tard mill-ahhar ta' Jannar, 2018.

Ra li mbaghad, minkejja dak verbalizzat fis-seduta tal-5 ta' Frar, 2018, fis-seduta tal-15 ta' Frar, 2018 l-intimat naqas milli jattendi ghal tali seduta.

Sema' x-xhieda ta' Charmaine Psaila Raji moghtija fl-imsemmija seduta tal-15 ta' Frar, 2018 li permezz taghha ikkonfermat li ma sar ebda hlas mill-intimata fil-mori u li kwindi l-ammont kollu kif mitlub wara l-korrezzjoni relattiva ghadu dovut minnu.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikat l-intimat naqas milli jattendi ghas-seduta tal-15 ta' Frar, 2018 u lanqas ma prezenta ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici.

Illi l-ammont mitlub jirrizulta ampjament mid-dokumenti ezebiti a sostenn tal-istess talba mal-avviz odjern oltre li jirrizulta wkoll dovut, flimkien mal-ispejjez u l-imghaxijiet relattivi, mill-intimata lis-socjeta` attrici skont ix-xhieda moghtija mir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici fis-seduta tal-15 ta' Frar, 2018. Min-naha tieghu l-intimat ma ressaq ebda prova li b'xi mod tikkontradici dak li xehdet ir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici jew li tipprova li min-naha tieghu sar xi pagament.

Illi fir-rigward tal-imghaxijiet legali, it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li jinsab deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Fogg**

**Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**’ fis-17 ta’ Frar, 2003 u cioe` li l-imghaxijiet jiddekorru min-notifika ta` l-avviz u mhux mid-data tal-introduzzjoni tieghu u jaghmel tieghu il-konkluzjoni hemmhekk raggjunta f’dan ir-rigward. F’dan il-kaz allura l-imghaxijiet huma dovuti fuq is-sorte mill-14 ta’ Settembru, 2017 data tan-notifika lill-intimat tal-avviz odjern u jibqghu jiddekorru sad-data tal-pagament effettiv.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitt mija u sebgha u sebghin euro u erbgha u disghin centezmi (€677.94) in konnessjoni ma’ servizzi migbura fil-kont bin-numru 40229035, bl-ispejjez u drittijiet, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 1618/16, u bl-imghaxijiet legali fuq l-istess sorte sa mill-14 ta’ Settembru, 2017.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**